MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 550/2011

**Dolores Debattista**

**vs**

**Capt. Massimo Cachia**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta’ elf, mitejn u tmienja u tmenin Ewro (€1288) ghal xoghlijiet li hi wettqet fir-residenza tal-konvenut fl-Imqabba u dan wara li x-xoghol twettaq fuq istruzzjonijiet tal- konvenut (Dok A) u wara li kien hallasha biss depositu ta’ tliet mitt Ewro (€300) u fadallu jhallas il-*quantum* imsemmi bhala bilanc.

**Ra** ir-RISPOSTA tal-konvenut hekk:

1. Illi l-konvenut qieghed jikkontesta t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi fil-fatt l-attrici ma wettqitx ix-xogholijiet kollha indikati fid-Dokument A u xi xoghol li ghamlet ma sarx skond is-sengha u l-arti;

3. Illi minhabba l-izbalji li ghamlet l-attrici l-esponenti kellu jidhol fi spejjez sabiex jirranga x-xoghol taghha;
4. Illi l-konvenut kien ittermina l-karigu taghha qabel ma dahlet fl-ispejjez minnha pretizi;

5. Illi l-pagamenti li kienu saru mill-konvenut ikopru l-ammont li fil-fatt kien dovut minnu;

6. Illi fil-fatt l-ammont pretiz lanqas ma jaqbel mal-kont mibghut mill-istess attrici fis-26 t'Ottubru 2010 li kien fl-ammont ta' €970.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal premess l-esponenti ma ghandux isofri l-ispejjez ta' dina l-kawza u tal-mandat ta' sekwestru 1038/11 fl-istess ismijiet inkwantu qatt ma nghata pre-avviz tal-istess.

II PROVI

1. L-<u>attrici</u> qalet li hi "interior designer" tahdem ghal rasha u l-konvenut kien talabha taghmillu rinovazzjoni tad-dar. Esebiet Dok DDB1 (*a fol 18)* li hu "outline of service" u fl-ahhar ta' dan hemm kalkolu tal-ispiza. F'dan id-dokument it-TRIBUNAL jinnota li hemm, *inter alia*, PAID €300 on account 15th September 08 (deposit on agreed scope of works). Ix-xhud ziedet li l-konvenut kien ra l-istima u ghalhekk kien ta d-depozitu ta' €300. Hi kienet marret fil-fond mieghu u daru kamra, kamra. Qalilha li kellu *budget* u ma riedx imur oltre.

2. Id-Dok DDB1 hareg qabel ma marret tara l-post u wara hargu l-pjanijiet Dok DDB5 (*a fol 27 et seq.).* L-attrici mbaghad ghaddiet biex b'mod dettaljat hafna spjegat x'xoghol ghamlet – u hawn issir referenza ghax-xhieda taghha fil-*fol 14 sa 17* tal-process. Dwar il-parti tal-ahhar

tad-Dok DDB1, li ga ssemmiet, spjegat li kien hemm xi xoghol “outside the agreed scope of works” li taghhom il-konvenut hallasha.

3. Spjegat li fix-xoghol taghha, barra dak li tara, trid tara wkoll x’issib meta jkun ghaddej ix-xoghol. L-*extras* mehtiega ma tkunx rajthom tal-bidu. Ix-xhud spiccat tghid li “Dok DDB6 hu *summary* ta’ dak li jiena fil-fatt spjegajt lill-klijent u huwa, piu’ o meno ix-xhieda li tajt illum” (xehdet fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2012). Id-Dok DDB4 (*a fol* 26) datat 22 ta’ Frar 2011 hu l-kont shih, b’indikazzjoni ta’ dak li thallas ga u allura jifdal il-bilanc mitlub. Dana wara li d-Dok DDB3 (*a fol* 25) hu “update” u d-Dok DB2 (*a fol* 21) hu emails skambjati bejn il-kontendenti f’Ottubru 2008.

4. In kontro-ezami l-attrici spjegat ulterjorament il-pretensjonijiet taghha u tat id-dettalji mitluba minnha. Hawn issir riferenza ghal-kliem l-attrici *a fol* 38/39. Hi giet kontro-ezaminata ulterjorament u hawn issir riferenza *a fol*41/42 tal-process.

5. Il-<u>konvenut</u> ressaq affidavit (*a fol* 45-48) munit b’dokumenti (*a fol* 49-63). Il-konvenut xehed in kontro-ezami (*a fol* 67-68). Is-segwenti huma biss punti minn dan kollu u allura ssir riferenza sew ghall-affidavit kif ukoll ghall-kontro-ezami.

6. Il-konvenut qal li hu ried trasformazzjoni tad-dar tieghu fl-Imqabba minn gewwa sa barra. Iltaqghu f’dar l-attrici fl-Isla u tkellmu dwar dan. Attwalment mix-xoghlijiet miftehma “saret biss frazzjoni zghira taghhom, u ma tnaqqas xejn mill-prezz, anzi zdied”. Mbaghad ghadda biex ta lista ta’ x’ma sarx.

7. Spicca jghid li meta jqis dak li elenka “onestament inhoss li l-hlas li ghamilt ta’ €800 hu oltre li sufficjenti”. Oggezzjona hafna ghall-mandat preventiv li sar kontrih. Hu xehed dwar il-gentilezza li dejjem uriha.

8. In kontro-ezami qal li minn “interior designer” kien jinstenna “li tittrasforma l-ambjent bid-disinji li tkun

ghamlet skond dak li nkunu rrangajna flimkien. L-attrici giet *on site*, pjanti saru tal-ewwel sular u *outlines* saru". Izda certi affarijiet ma sarux u hu ta dettalji dwar dan. Ghalhekk halliet xoghol mhux komplut. Hawn irrefera ghad-dokumenti esebiti. Hi anke nsistiet kontra dak li ried hu.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Wara li qies kollox, it-TRIBUNAL jibda biex josserva li x-xhieda mressqa tikkonsisti biss f'dik tal-kontendenti. Hi xhieda elaborat fuq iz-zewg nahat izda hu sorprendenti kif l-attrici ma hassitx li kellha zzid jew tispjega xihaga wara l-affidavit tal-konvenut u llimitat ruhha ghall-kontro-ezami tieghi biss.

2. Fil-fehma tat-TRIBUNAL dan hu kez fejn l-attrici ghamlet xoghol u dahlet fid-dettall izda ma ssinkronizzatx bizzejjed mal-konvenut u, bil-maqlub, il-konvenut ma ssinkronizzax bizzejjed mal-attrici. Ir-rizultat ta' dan kollu kien li l-attrici hadmet, il-konvenut iggwadanja minn xoghlha izda l-affarijiet ma gewx kompletati kif suppost u kif mistenni. Ghalhekk l-attrici trid tithallas ta' xogholha u dan f'ammont aktar milli jippretendi l-konvenut izda inqas ukoll milli tippretendi l-attrici. Irid jinstab bilanc bejn iz-zewg pretensjonijiet u dana anke b'sens ta' ekwita' kif statutorjament ghandu jaghmel it-TRIBUNAL.

3. It-TRIBUNAL ihoss li ma dak li ga thallset l-attrici ghandha tircievi minghand il-konvenut €650 ohra.

4. Dwar l-eccezzjoniji nru 7 tal-konvenut li hu m'ghandux ibati spejjez tal-kawza u tal-mandat ta' sekwestru 1038/11, wiehed irid jiddistingwi. Dwar l-ispejjez tal-kawza, it-TRIBUNAL jiddeciedi izjed tard. Dwar l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru m'hemm ebda talba fl-AVVIZ u allura t-TRIBUNAL ma jistax jiddeciedi – 'l hawn jew 'l hinn – fuq haga mhux mitluba. Titqies *extra petita.*

5. It-TRIBUNAL jinnota wkoll li fl-AVVIZ hemm talba ta' kundanna ghall-ispejjez kollha "inkluzi dawk ta' l-ittra

ufficcjali” u ebda data jew xi indikazzjoni ohra msemmija. It-TRIBUNAL ma jistax jiddeciedi *in vacuo.*

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi kif gej:

(1) **Jilqa’** t-talba attrici fl-ammont ta’ €650 u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont u jichadha dwar il-bqija tal-ammont mitlub; (2) **Jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ammont imsemmi sa ghaxart ijiem mil-lum b’dana li jekk jonqos jibda ghaddej l-imghax mill-hdax-il jum sal-jum tal-pagament shih effettiv; (3) **Jichad** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut in kwantu li inkompatibbli ma’ dak ga deciz; (4) **Jichad** il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut; (5) **Jiddeciedi** li fic-cirkustanzi, l-ispejjez tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------